**9 ta' Ġunju, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding. K.M., B.Litt., LL.D.**

Emmanuele Inguanez et.

*versus*

Giovanni Testa et.

**Ritrattazzjoni — Terminu — Notifika — Prova — Art. 814(b) u (c) u art. 821(b) u (d) tal-Kap. 15.**

*Fost il-kawżi ġusti li jilleġittimaw talba għar-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża u li għaddiet f'ġudikat, hemm dawk meta l-konvenut ma jkunx ġie notifikat bl-att taċ-ċitazzjoni, u dak meta huwa ma kienx leġittimament rappreżentat fil-ġudizzju, u fil-każ wieħed u l-ieħor ma jkunx ħa parti fis-smiegħ tal-kawża.*

*Imma l-azzjoni għar-ritrattazzjoni ma tkunx ammissibbli jekk ma tkunx ġ'et proposta fi żmien tliet xhur. Dan iż-żmien huwa wieħed mill-elementi kostituttivi tal-azzjoni, b'mod li jekk ma jiġix sostanzjat biżżejjed, l-azzjoni taqa'.*

*U hemm in-nuqqas ta' rappreżentanza leġittima anki meta l-konvenut kien rappreżentat fil-ġudizzju minn kuratur taħt iş-suppożizzjoni li hu kien għadu taħt l-età meta ġiet pro-*

*posta l-kawża, mentri fil-fatt huwa kien maġġjorenni, a allura messu ġie mħarrek hu personalment, u n-notifika taċ-ċitazzjoni messha saret lilu personalment.*

*Iż-żmien ta' tliet xhur, fil-każ ta' nuqqas ta' rappreżentanza leġittima jibda jgħaddi mid-data tas-sentenza li trid tiġi ritrattata, mentri fil-każ ta' nuqqas ta' notifika jibda jgħaddi mid-data li fiha l-konvenut ġie jaf bis-sentenza.*

*Kwantu għall-prova ta' din ix-xjenza, il-piż tagħha jinkombi, mhux fuq min jipproponi l-azzjoni tar-ritrattazzjoni, imma fuq il-konvenut, b'mod illi huwa dmir ta' dan li jipprova li l-attur ippropona l-azzjoni aktar minn tliet xhur wara li kien jaf bis-sentenza attakkata. Għax għalkemm hu veru illi l-piż tal-prova jaqa' fuq l-attur meta t-terminu għandu jgħodd mill-ġrajja ta' fatt materjali, bħal fil-każ ta' azzjoni ta' reintegrazzjoni, fil-każ li ż-żmien għandu jiddekorri minn meta l-attur sar jaf b'fatt, bħal fil-każ ta' l-eżerċizzju taddritt ta' preferenza tal-padrun dirett jew tal-utilista, jew il-każ ta' min jimpunja lokazzjoni bħala kompossessur għax tkun saret mingħajr il-kunsens tiegħu, il-ġurisprudenza tirrikonoxxi illi ċ-ċaħda tal-attur li hu kien jaf qabel iż-żmien preskritt għandha tiġi attiża, sakemm il-konvenut ma jassumix li jipprova, u fil-fatt jipprova, konkludentement il-kuntrarju. Bil-konsegwenza l-oħra illi, f'każ ta' dubju dwar din il-prova, il-benefiċċju tad-dubju għandu jmur favur l-attur, għax il-prova da parti tal-konvenut ma tkunx saret konkludentement.*

Il-Qorti:— Rat il-libell ta' Emmanuele, Giorgio u Carmelo, aħwa Inguanez, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih, għar-raġunijiet hemm esposti, talbu li tiġi ammessa u ordnata r-ritrattazzjoni tal-kawża deċiża minn dik il-Qorti fit-23 ta' Novembru 1951, flismijiet "Giovanni Testa vs. Paolo Inguanez et.", wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, billi rigward Emmanuele u Giorgio Inguanez iċ-ċitazzjoni relattiva ma kienetx ġiet notifikata lilhom, u huma ma dehrux fis-smiegħ tal-kawża fis-sens tal-art. 814(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura, u rigward Carmelo Inguanez, waħda mill-partijiet fil-kawża. Paolo Inguanez ma kienx persuna leġittima, peress li

dak Carmelo Inguanez kien maġġjorenni, u dan skond l-art. 814(c) tal-Kodiċi fuq imsemmi, u konsegwentement l-istess Carmelo Inguanez ma ġiex notifikat biċ-ċitazzjoni, u ma deherx għat-trattazzjoni tal-kawża fis-sens tal-art. 814(b) tal-istess Kodiċi; u talbu wkoll li, trattat mill-ġdid il-meritu tal-kawża, u ċjoè l-ewwel talba taċ-ċitazzjoni, li biss tirrigwarda lilhom, jiġi deċiż għar-riġett tal-istess talba; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Novembru 1953, li biha ġiet respinta dik l-eċċezzjoni tal-irritwalità tal-libell, bl-ispejjeż kontra l-konvenut Testa;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tat-13 ta' Diċembru 1957, li biha ġew miċħuda t-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, kwantu għall-atturi Emmanuele u Giorgio Inguanez, il-motiv għar-ritrattazzjoni tal-kawża jikkonsisti filli huma ma kienux ġew notifikati bl-att taċ-ċitazzjoni relattiva għall-kawża fit-23 ta' Novembru 1951, u għalhekk huma ma setgħux jidhru fis-smigħ ta l-istess kawża; liema motiv jinsab kontemplat fl-art. 814(b) tal-Proċedura Ċivili. Issa, skond ir-riferta tal-marixxall f'dik il-kawża, jirriżulta li kopja taċ-ċitazzjoni ġiet notifikata lilhom fit-2 ta' Awissu 1951 permezz ta' konsenja lil Elena Inguanez, li kienet toqgħod Ħal-Qormi, Victory Street nru. 123, mentri mill-provi fil-kawża odjerna jirriżulta illi Emmanuele Inguanez ilu erbatax il-sena joqgħod Birkirkara, Butchers' Lane nru. 32 (fol. 35), u li George Inguanez ilu joqgħod Ħal-Qormi, Victory Street nru. 206 madwar ħdax il-sena (fol. 35), u jirriżulta illi huma saru jafu b'dik il-kawża wara li ġiet maqtugħa;

Illi, kwantu għall-attur Carmelo Inguanez, il-motiv għar-ritrattazzjoni tal-kawża jikkonsisti filli l-kawża saret

kontra Paolo Inguanez bħala kuratur tiegħu, fis-suppożizzjoni li hu kien taħt l-età, mentri huwa kien allura ġa maġġjorenni, u kwindi Paolo Inguanez ma kienx persuna leġittima biex jidher għalieħ; liema motiv jinsab prevedut fl-art. 814(c) tal-Proċedura Ċivili. Issa, jirriżulta fil-fatt illi fil-kawża ġa deċiża Carmelo Inguanez ġie bħala minorenni rappreżentat minn Paolo Inguanez, kuratur "ad litem", mentri hu kien ġa għalaq it-tmientax il-sena, kif jidher mill-fidi tal-magħmudija tiegħu eżibita fol. 31 tal-proċess, u mhux kontestata mill-kontroparti. F'dik il-kawża, mbgħad, ma ġietx mogħtija, u wisq anqas deċiża, l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna mħabba d-difett fuq miġjub;

Illi, għaldaqstant, il-motivi addotti mill-atturi għar-ritrattazzjoni tal-kawża jinsabu sostanzjati;

Illi, kwantu għaż-żmien preskritt mill-art. 821 tal-Proċedura Ċivili, jirriżulta illi l-libell għar-ritrattazzjoni ġie preżentat fl-interess tat-tliet atturi fit-12 ta' Frar 1953; u fil-fehma tal-Qorti, skond ir-riżultanzi proċesswali, dwar iż-żmien meta huma kienu ġew jafu bis-sentenza, il-provi miġjuba ma humiex adegwati. Difatti, rigward l-atturi Emmanuele u Giorgio, huma saru jafu bis-sentenza xi xahar wara li nqatgħet il-kawża; kwantu għall-attur Carmelo, ma hemm ebda prova ta' meta sar jaf; jekk mbgħad tittieħed it-tieni versjoni mogħtija mill-atturi Emmanuele u Giorgio, li ċjoè saru jafu wara li rċevew iċ-ċitazzjoni minn għand Giovanni Testa (dik imħollija minn din il-Qorti "sine die" fis-6 ta' Ottubru 1954), il-konsegwenza tkun dejjem li ż-żmien legali ddekorra. Difatti, l-attur Giorgio, li jidher notifikat b'dik iċ-ċitazzjoni darbtejn, fiż-17 ta' Ottubru 1952 u fl-4 ta' Novembru 1953, ma osservax it-terminu legali, għaliex fl-ewwel każ dak iż-żmien kien ġa ddekorra sakemm ġie preżentat il-libell, u fit-tieni każ il-versjoni tiegħu hija inverosimili, għaliex il-libell kien ilu preżentat disgħa xhur. Kwantu għall-attur Emmanuele, veru li hu ġie notifikat biċ-ċitazzjoni fid-19 ta' Jannar 1953, iżda l-Qorti mhix propensa taċċetta t-tieni versjoni tiegħu, għaliex mhux verosimili li huwa, bħala prokuratur tal-affarijiet kollha tal-familja, kostitwit bi skrittura formali, u bħala wieħed mill-komproprjetarji tal-fond li kien jifforma

oġġett tal-kawża, ġie nfurmat minn ħuħ Paolo biss li l-kawża nqatgħet, imma mhux ukoll li nqatgħet kontra tiegħu, u illi huwa kien imdaħħal fiha (ara xhieda tiegħu fol. 47). Kwantu mbgħad għall-attur Carmelo, jirriżulta li t-tieni ċitazzjoni ta' Giovanni Testa ġiet lilu notifikata, fit-30 ta' Gunju 1953, u kwindi hu inverosimili li huwa seta' jaf allura biss li l-kawża nqatgħet, ladarba fit-12 ta' Frar 1953 huwa kien ġa għamel il-libell għar-ritrattazzjoni tagħha;

Illi ż-żmien utili għall-esperiment tal-azzjoni huwa wieħed mill-elementi kostituttivi tagħha; u jekk l-atturi ma rnexxielhomx jissostanzjawh biżżejjed, l-azzjoni tagħhom taqa';

Rat in-nota ta' Emmanuele, Giorgio u Carmelo, aħwa Inguanez, li biha appellaw minn din is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 1957, u l-petizzjoni tagħhom, li biha talbu li dik is-sentenza tiġi revokata, billi minflok jiġu milqugħa t-talbiet magħmulin bill-libell; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-unika kwistjoni f'dan l-appell hi jekk it-talba għar-ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet "Giovanni Testa vs. Paolo Inguanez pr. et ne.", maqtugħa fit-23 ta' Novembru 1951 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha ġietx magħmula mill-atturi fiż-żmien li trid il-liġi;

Skond is-sentenza appellata, il-motivi għar-ritrattazzjoni, li l-ewwel Qorti sabet sostanzjati (u li dwarhom il-konvenut appellat ma qanqal ebda kontestazzjoni quddiem din il-Qorti), kienu dawn:— "Kwantu għall-atturi Emmanuele u Giorgio, aħwa Inguanez, illi huma ma kienux ġew notifikati biċ-ċitazzjoni relattiva għall-kawża in kwistjoni, u għalhekk ma setgħux jidhru fis-smiegħ tagħha (liema motiv hu kontemplat fl-art. 814(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15 E.R.); u kwantu għall-attur Carmelo Inguanez, illi dik il-kawża saret kontra Paolo

Inguanez bħala kuratur tiegħu fis-suppożizzjoni li hu kien taħt l-età, mentri fil-fatt hu kien ġa maġġjorenni, u għalhekk Paolo Inguanez ma kienx persuna leġittima biex jidher għalieh (liema motiv hu prevedut fl-art. 814(c) talistess Kodiċi)";

Għandu, però, jiġi rilevat illi fil-libell, għar-rigward tal-attur Carmelo Inguanez, ġie nvokat bħala motiv għarritrattazzjoni mhux biss il-paragrafu (c) tal-art. 814 fuq imsemmi, iżda wkoll il-paragrafu (b), fis-sens illi, ġa ladarba hu kien maġġjorenni, hu kellu jkun imħarrek personalment, u għalhekk jiġi illi hu ma ġiex debitament notifikat b'dik iċ-ċitazzjoni, u ma setgħax jidher fit-trattazzjoni tal-kawża. Dan ir-riljev huwa rilevanti għall-kwistjoni taddekorriment taż-żmien; għax kieku l-każ tal-attur Carmelo Inguanez kien jaqa' biss taħt il-para (c) tal-imsemmi art. 814, iż-żmien ta' tliet xhur li fih setgħet issir it-talba għarritrattazzjoni kien jingħadd mid-data tas-sentenza attakkata (art. 821(d) ), mentri jekk il-każ tiegħu jaqa' wkoll, kif din il-Qorti tirritjeni li jaqa', taħt il-paragrafu (b), dak iż-żmien jibda jgħodd għalieh, bħal ma jgħodd għaż-żewġ atturi l-oħra, mill-ġurnata li fiha ġew jafu b'dik is-sentenza (art. 821(b) ). Del resto, anki l-Ewwel Qorti hekk ikkunsidrat;

L-ewwel Qorti, però, wara li qieset il-provi, waslet għall-konklużjoni illi, meta ġie preżentat il-libell tal-atturi (dan kien it-12 ta' Frar 1953), iż-żmien mogħti mill-liġi kif fuq intqal kien ġa għadda. Iżda f'dan l-apprezzament l-Ewwel Qorti pproċediet fuq prinċipju, u wżat kriterju, li din il-Qorti, bir-rispett kollu, ma tħossx li tista' taqbel magħhom. Billi rriteniet "illi ż-żmien utili għall-esperiment talazzjoni huwa wieħed mill-elementi kostituttivi tagħha", hi xeħtet il-piż tal-prova ineżorabbilment fuq l-atturi, u tat ilbeneficċju tad-dubju lill-konvenuti eċċipjenti. Issa, huwa veru illi l-piż tal-prova jaqa' fuq l-attur meta t-terminu għandu jgħodd mill-ġrajja ta' fatt materjali, bħal, per eżempju, fl-azzjoni ta' reintegrazzjoni, fejn iż-żmien ta' xahrejn jitqies mill-fatt tal-ispoll. Iżda, meta ż-żmien għandu jiddekorri minn meta l-attur ikun sar jaf b'fatt, il-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna rrikonoxxiet illi ċ-ċaħda

tal-attur li hu kien jaf qabel iż-żmien preskritt għandha tiġi attiża sakemm il-konvenut ma jassumix li jipprova, u fil-fatt jipprova, konkludentement il-kuntrarju. Hekk, a propożitu tad-dritt ta' preferenza kontemplat fl-art. 1600 tal-Kodiċi Ċivili, li jista' jiġi eżerċitat sa għeluq sena minn dak inhar li l-padrun dirett jew iċ-ċenswalist ikun sar jaf bit-trasferiment, din il-Qorti, fil-kawża "Apap Bologna vs. Cassar Torreggiani", maqtugħa fil-21 ta' Mejju 1951, qalet illi "l-"onus probandi" tax-xjenza preċedenti da parti tal-attur jaqa' fuq il-konvenut, għax l-affermazzjoni qiegħed jagħmilha hu, u l-attur ma għandux jagħmel il-prova negattiva". L-istess prinċipju ġie affermat minn din il-Qorti fil-kawża "Galea Naudi vs. Dr. Bianchi ne." deċiża fid-29 ta' Jannar 1951, u fil-kawża "Portanier vs. Attard", deċiża fl-10 ta' Diċembru 1951. Hekk ukoll irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-kawża "Zammit vs. Abela", maqtugħa fis-27 ta' Ġunju 1953, fejn intqal:— "Si tratta f'din il-materja ta' dik li d-dottrina tikkwalifika bħala 'ignorantia facti', li hija dejjem preżunta sakemm ma ssirx il-prova kuntrarja. "Praesumitur ignorantia facti ubi scientia non probatur" (C. 47, De Reg. Juris, no. 6, 512). U jirribadixxi Richeri:— "Ignorantia facti alieni et plurimum praesumitur" (Jurisp. Univ. Lib. IV, § 543). Għalhekk l-attriċi tibqa' assistita minn din il-preżunzjoni, sakemm il-konvenut, b'mod adegwat, ma jippruvax li hija kienet taf bit-trasferiment" (Vol. XXXVII-II-741);

Anki għar-rigward ta' azzjoni oħra, dik ċjoè kontemplata fl-art. 1616 tal-Kodiċi Ċivili, li biha kompossessur ta' ħaġa jista' jitlob l-annullament tal-kiri tagħha magħmul bla awtorità minn kompossessur ieħor, basta jagħmel it-talba fi żmien xahrejn minn dak inhar li jkun sar jaf bil-kiri, l-istess Prim'Awla, fil-kawża "Agius vs. Farrugia", deċiża fis-27 ta' Jannar 1958, qalet:— "Huwa konformi għall-prinċipji regolanti l-piż tal-prova illi x-xjenza tal-kiri fil-kompossessur instantt għandu jipprovaha minn jallega dik ix-xjenza...... u fil-każ li din il-prova ma tkunx adegwata, jew anki fil-każ ta' dubju, l-allegata xjenza għandha tkun respinta;

Ma jidherx li hemm raġuni għaliex l-istess prinċipju ma għandux japplika fil-każ preżenti, fejn skond il-liġi ż-żmien utili għat-talba għar-ritrattazzjoni similment jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha l-atturi ġew jafu bis-sentenza attakkata. Kieku l-Ewwel Qorti mxiet fuq dan il-prinċipju, *minflok* fuq il-postulat kuntrarju, u eżiġiet il-prova tax-xjenza preċedenti minn għand il-konvenut, u tat lill-atturi anzikkè lill-konvenut il-benefiċċju tad-dubju, il-konklużjoni tagħha ma setgħetx ħlief tkun favorevoli għall-atturi;

Provi separati tiegħu l-konvenut ma għamel xejn; lanqas offra. Veru huwa li hu seta' għamel dik *il-prova* bix-xhieda tal-atturi stess, iżda hu ma rnexxielux jagħmel dan. Meta wieħed iqies illi l-atturi Emmanuele u Giorgio Inguanez taw ix-xhieda tagħhom f'din il-kawża madwar ħames snin mid-data tas-sentenza mogħtija fil-kawża li qegħedha tintalab ir-ritrattazzjoni tagħha u kważi tliet snin mill-preżentata taċ-ċitazzjoni l-oħra tal-konvenut li tinsab pendenti "sine die", u jqies ukoll il-komplikazzjonijiet tan-notifiki li jidhru mir-riferti f'dik il-kawża l-oħra, ċerti inċertezzi u konfużjoni ta' data fix-xhieda tagħhom mhumiex sorprendenti. Dak li jidher li huwa żgur huwa dan;

L-attur Carmelo Inguanez ma ġie qatt personalment u validament notifikat, la bl-ewwel kawża u lanqas b'dik iċ-ċitazzjoni l-oħra, sa ma sar il-libell fil-kawża preżenti. Ir-riferta tan-notifika ta' dik iċ-ċitazzjoni l-oħra, datata 17 ta' Ottubru 1952, hija negattiva (fol. 2A. ta' dak il-proċess) Anki dik datata 20 ta' April 1953, li tiġi wara l-libell, hi negattiva wkoll. Ir-riferta affermattiva hi datata 30 ta' Ġunju 1953, u saret lill-kuraturi meta hu kien imsiefer (fol. 2B. tergo);

L-attur Giorgio Inguanez jidher li ġie notifikat b'dik iċ-ċitazzjoni l-oħra fiż-17 ta' Ottubru 1952 (fol. 2A. ta' dak il-proċess), iżda dik ir-riferta hi inattendibbli, għax in-notifika ma saretx fejn kien joqgħod. *Del resto*, dan irrikonoxxieh il-konvenut innifsu, għax kieku ma kienx jieħu l-briga li jerġa jinnotifikah bl-istess att — u din id-darba

fl-indirizz tajjeb — fl-4 ta' Settembru 1953, ċjoè ħames xhur wara li ġa kien sar il-libell (fol. 2B. tergo ta' dak il-proċess);

Kien biss l-attur Emmanuele Inguanez li ġie notifikat b'dik iċ-ċitazzjoni l-oħra qabel sar il-libell, ċjoè fid-19 ta' Jannar 1953 (fol. 2A. tergo), u kien allura li hu sar jaf bis-sentenza preċedenti li tagħha qiegħed jintalab it-tħassir, fis-sens illi dik is-sentenza kienet tinvolvi lilu u liż-żewġ atturi l-oħra wkoll. Dan hu kkonfermaħ bil-ġurament (fol. 47), u din ix-xhieda tiegħu ma tistgħax tiġi skartata fuq sempliċi suppożizzjoni li ħuh Paolo (li, kif jallegaw l-atturi fil-meritu, kien il-kawża u oriġini tat-taħwid kollu) kien qallu qabel b'dik is-sentenza;

Din il-Qorti ssib plawsibbli ħafna t-teżi żvolta mill-atturi fil-petizzjoni tal-appell, fis-sens illi l-atturi Giorgio u Carmelo Inguanez saru jafu verament bl-ewwel kawża minn għand l-attur Emmanuele meta dan ġie notifikat biċ-ċitazzjoni l-oħra tal-konvenut, li biha dan talab l-eżekuzzjoni kontra tagħhom tas-sentenza mogħtija f'dik l-ewwel kawża. Dan kien ftit wara d-19 ta' Jannar 1953. Kien allura li huma ftehmu li jmorru għand l-avukat biex — kif xehed Giorgio Inguanez )fol. 42) — "iwaqqgħu s-sentenza". U nfatti, l-għada l-attur Emmanuele Inguanez mar għand l-avukat, u ftit wara sar il-libell. Mhux verosimili, kif tajjeb josservaw l-atturi fil-petizzjoni, li Emmanuele Inguanez kien jaf qabel b'dik l-ewwel kawża u baqa' passiv, meta hu wera tant premura li jaġixxi, u fil-fatt aġixxa, biex jimpunja dik il-kawża, appena rċieva t-tieni ċitazzjoni tal-konvenut u sar jaf l-istess ħaġa li suppost kien jaf qabel;

Fi kwalunkwe każ, għar-raġunijiet fuq miġjuba, anki fid-dubju l-eċċezzjoni tal-konvenut ma tistgħax tiġi milqugħa;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba għar-revoka tas-sentenza tat-23 ta' Novembru 1951. imsemmija fill-libell, in kwantu għall-ewwel talba provvduta b'dik is-sentenza,

u tilqa' t-talba għar-ritrattazzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat; u għall-fini fuq imsemmija tirrinvija l-kawża quddiem l-Ewwel Qorti għar-ritrazzjoni tal-kawża kif mitluba fil-libell.